**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-10 ta' Mejju, 2019**

**Talba Numru: 138/2018 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 27**

**Henry Aquilina (K.I 51387M)**

**Haran,**

**Trejqet il-Kampanjol,**

**Bahar ic-Caghaq**

**NXR 5118**

**Vs**

**Justin Tabone**

**'Joanna',**

**Triq il-Fortizza tal-Grazzja,**

**Xghajra**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mill-attur fil-11 ta April, 2018 li permezz taghha talab li dan it-Tribunal jordna lil attur ihallas is-somma ta' seba' mija u sitta u ghxorin ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€726.24c) dovuta rifuzjoni ta' safra li l-partijiet kienu ser

jaghmlu flimkien sabiex jippartecipaw ghal avveniment izda li wara l-konvenut ghazel li ma jmurx.

Fir-risposta tieghu a fol 15 il-kovnenut eccepixxa li l-attur ghandu jispjega ahjar l-pretensjonijiet tieghu; li l-btala kient pjanata bejn 22 u 29 ta' Awwissu, 2018 u ghalhekk it-talba hija intempestiva stante li l-btala ghadha ma waslitx; li l-konvenut lest li jhallas is-sehem tieghu tal-btala kemm il-darba l-biljetti tal-ajru u tal-booking tal-lukanda li jsejhu lilu jigu mghoddija lilu haga li l-intimat dejjem irrifjuta li jaghmel; li l-ammont mitlub ma hux dovut; li l-attur irid jipprova l-fondatezza tat-talba tieghu; li mill-bqija t-talba tal-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

Fl-affidavit tieghu a fol 20 et l-attur jghid li huwa u l-konvenut ftehmu li jaghmlu btala flimkien biex jippartecipaw ghal avveniment u huwa hallas erba' mija u disgha u disghin ewro u hamsa u tletin centezmu (€499.35c) lukanda, mitejn sitta u sebghin ewro u disgha u tmenin centezmu (€276.89c) flights u mija u tnejn u sittin ewro u hamsin centezmu (€162.50c) xoghol li kellu jirrifjuta minhabba din is-sitwazzjoni u spejjez ta' din il-kawza. L-arrangament kien li l-konvenut jibghatli cekk tal-ammont dovut izda dan ma wasal qatt. Izda l-konvenut rega bdielu u l-attur ssugerielu li jsib lil haddiehor jew koppja ohra biex hadd minnhom ma jitlef il-flus. Il-konvenut sab lil haddiehor pero' ippretenda li jerga jhallas mitejn u ghoxrin ewro (€220) ohra biex jaqleb il-biljetti fuqhom minghajr ma tah risposta dwar meta ser jithallas lura. Ftehmu li jiltaqghu u jaghmlu t-transfer izda l-konvenut qallu li mhux ser jahli aktar hin jitkellem mieghu u dak li ghandu xi jghid jghidu tramite l-avukat.

In kontro-ezami (seduta 12.3.2019) l-attur xehed li huwa mar Eindhoven wahdu. Sa dakinhar li l-partijiet kienu ghadhom sejrin flimkien ghal din is-safra huwa kkonferma li kellu l-booking tal-lukanda u tat-titjira u li l-flus harighom kollha hu. Huwa kkonferma li l-konvenut kien qallu li lest jghaddilu l-biljetti tal-ajru u tal-booking jew ihallsu u hekk ghamel u ried ihallsu b'cheque minn l-account ta' missieru izda xorta baqa' ma hallsux. Huwa ammetta li huwa ma accettax il-pagament ta' nofs l-ispejjez minghand il-konvenut ghax baqa' jinsistu li huwa jhallsu ta' kollox. Huwa kkonferma li l-konvenut kien sab tnejn min-nies biex imorru s-safra minflokhom izda biex jibdlu l-ismijiet kien hemm spejjez ta' mitejn u ghoxrin ewro (€220) u l-konvenut ppretenda li johroghom l-attur ukoll. Huwa

jaqbel li t-talba qed jaghmilha ghar-rifuzjoni tal-ispejjez kollha konnessi ma’ din is-safra u li fil-mori ddecieda li jmur Eindhoven biex ma jitlifx aktar flus.

Il-konvenut a fol 29 et fl-affidavit jghid li fl-10 ta’ Jannar, 2018 l-attur kelmu u qallu li kellu zewg vouchers mill-website E-dreams li bihom wiehed seta jiffranka sa tmenin ewro (€80) fuq flight +hotel. Huwa kien qabel li jmorru vaganzi x’imkien biex b’hekk il-vouchers ma jintilfux u kienu ftehmu li jmorru Eindhoven fl-Olanda. Meta marru biex jibbukaw pero’ irrealizzaw li ma setghux juzaw dawn il-vouchers ghalhekk kellhom jonfqu certu ammont ta’ flus biex dawn ikunu jitghu jintuza liema ammont ma kienux qabzu izda xorta wahda qablu li jsiefru u bbukjaw fejn joqghodu. Huwa jispega li ilhom jafu lil xulxin ghaxar snin – daqqa flimkien u daqqa jiggieldu. Kellhom argument iehor wara sar l-booking u ddecieda li jwaqqaf il-hbiberija taghhom u ma jmurx ghal vaganza li kienu bbukjaw.

Il-konvenut kien jghid li kien lest ihallas sehmu tal-ispejjez u offra li jsib lil haddiehor minflokhom u huwa sab zewg min-nies ohra certu Maria Pia Meli u Mark Lynch izda l-attur beda jaghmilha difficli biex jghaddilhom l-biljetti u r-reservation tal-lukanda u b’hekk huma spiccaw tilfu l-interess fis-safra. Huwa b’hekk induna li l-attur riedu jhallas l-ispejjez kollha tas-safra meta huwa seta facilment imur fuq din il-vaganza minghajru.

In kontro-ezami (seduta 12 ta’ Marzu, 2019) il-konvenut jghid li ghal ragunijiet personali xtaq jaqta’ il-kuntatt minn mal-attur izda dan gara li huma kienu ftehmu li jibbukkjaw ghal din is-safra. Huwa kkonferma li minn dejjem kien lest li jhallsu ta’ nofs l-ispejjez u l-cancellation fees izda l-attur ried l-ammont kollu. Huwa ghadu sal-lum lest li jhallas nofs l-ispejjez.

Ra li fis-seduta tat-12 ta’ Marzu, 2018 il-partijiet ghalqu l-provi u l-kawza thalliet ghad-decizjoni.

Ikkonsidra ulterjorment

Li t-talba hija ghal rifusjoni tal-ispejjez kollha inkorsi mill-attur rigward safra li l-partijiet kienu ser jaghmlu flimkien gewwa Eindhoven liema safra l-konvenut rega bdielu wara li l-attur kien hallas ghat-titjira u l-booking fil-lukanda. Li s-somma pretiza mill-attur ghar-

rigward dawn l-ispejjez hija ta' seba' mija u sitta u ghoxrin ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€726.24c).

Li fil-mori rrizulta li l-attur mar wahdu tali safra.

Li rrizulta wkoll li l-konvenut dejjem kien lest li jhallas nofs l-ispejjez inkorsi izda mhux kollha.

Bhala punt ta' tluq jibda biex jigi osservat li din regola fil-konvenzjonijiet ordinarji l-kontraenti jaslu ghal formazzjoni taghhom skont il-principji ta' dik il-liberta ta' awtonomija bil-partecipazzjoni ta' trattattivi esprimenti l-volonta negozjali tahhom. Ukoll f'dik il-fazi pre-kontrattwali ghandha parti sinjifikattiva l-buona fede tal-kontraenti intiza din bhala dak id-dover li l-partijiet jnformaw lil xulxin b'dawk l-elementi ta' intendiment aktar preciz u ezat tal-kuntratt li jkun ser isir. F'dan il-kaz il-mument li l-partijiet qablu li jmorru ghal din is-safra, dak il-ftehim jaghti lok ghal principju pacta sunt servanda. Hekk fl-imghoddi kien sahansita deciz li "r-regoli li l-kuntratti jigu ezegwiti bil-mod li l-ekwita' tattribwixxi lill-obbligazzjoni assunta mill-kontraenti m'ghandhiex tkun kuntrarja ghar-regola l-ohra li l-konvenzjoni tal-partijiet ghandha jkollha forza ta' ligi bejniethom." Ara **Felice Gerada vs Ettore Pace et nominee**, Qorti tal-Kummerc 15 ta' Dicembru, 1938. Dan s'intendi fl-ambitu tad-dixxiplina normattiva that il-Kodici Civili (Artikolu 992).

Il-principju pacta sunt servanda f'dawn il-kazijiet ghandu l-limitazzjoni tieghu, tant hu hekk lil-istess legislatur ipprovda li d-determinazzjoni ta' kull kwestjoni jew tilwima ghandha tigi evalwata u deciza skont "principalment skont l-ekwita" (Art 7(1) Kap 380).

Li ghalhekk il-konvenut, wara li halla lill-attur jaghmel dawk l-ispejjez, ma setax jezonerixxu ruhu meta jghid li huwa ma riedx ikompli bil-hbiberija mal-attur u ghalhekk rega bdielu. Huwa veru li huwa sab zewg persuni ohra biex imorru minflokhom izda l-konvenut ma riedx jaghmel tajjeb ghall-ispejjez addizzjonali biex isir tali trasferiment tal-bookings. Huwa veru wkoll li l-konvenut dejjem kien lest li jhallas ghal nofs l-ispejjez inkorsi mill-attur kif irrizulta wkoll li l-attur biex ma jintilfux aktar flus ghazel li jmur is-safra wahdu.

Dan ma jezoneraw lil konvenut mir-responsabilita' tieghu li ma jergghax lura mill-ftehim ta' bejniethom kienet x'kienet ic-cirkostanzi u meta r-raguni moghtija ma tinkwadrax ruhha bhala xi forza magguri. Ghall-attur l-vaganza kienet li jqattaghha mal-konvenut u l-fatt li mar wahdu ma jfissirx li l-konvenut jista jiskolpa ruhu.

Illi ghalhekk fil-fehma ta' dan it-Tribunal jezistu cirkustanzi li jaghtu l-poter diskrezzjonali lil dan it-Tribunal li jikkwida s-somma. Illi dan isir skont il-Qrati taghna "bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva fejn l-provi fir-rigward tal-valutazzjoni tal-ammont tal-kumpens ma humiex tant lineari jew ben stabbiliti jew f'kaz ta' nuqqas ta' mezzi probatorji ."(**Prim Awla Charles Attard vs Carmela Frendo et 31.1.2003; Prim Awla Margaret Camilleri et vs Cargo Handling Co Ltd 31.10.2004).** A propozitu decizjoni a **Vol XXXV P III p615** fejn gie proprju rikonoxxut fuq l-istregwa ta' dak espress mil-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni, illi "*vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori e' rimesso al magistrate il valutare 'ex aequoe et ebono' secondo Iidettami della sua ragione e coscienza l-ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato.'*

Wara li qies ic-cirkostanzi kollha, dan it-Tribunal iqis li minbarra nofs l-ispejjez inkorsi mill-attur liema spejjez il-konvenut kien dejjem lest li jhallas, qed jiffissa *arbitro boni viri* lill-attur is-somma ta' mitejn (€200). Jigi rilevat li kieku l-attur ma marx is-safra kieku dan it-Tribunal kien jordna lill-konvenut ihallas l-ispejjez kollha inkorsi.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jilqa' in parte t-talba tal-attur u jordna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta' hames mija u tmienja u sebghin ewro u tnax-il centezmu (€578.12c) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz tat-Talba sad-data tal-effettiv pagament

Spejjez a karigu tal-konvenut.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**